MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 230/2010

**Ana B**

**vs**

**Dr Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer li b'digriet tal-1 ta' Novembru 2010 gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-kontendenti zzewgu fit-23 ta' Marzu tas-sena 2007, f'Meknes, Morocco, u dan iz-zwieg gie registrat hawn Malta, skond kif jidher mic-Certifikat taz-zwieg taghhom numru 536 tas-sena 2007, illi kopja tieghu qed tigi annessa ma' dan ir-Rikors u esebita u mmarkata bhala Dokument A;

2. Illi r-rikorrenti u l-intimat zzewgu xi hmistax wara illi saru jafu lil xulxin;
3. Illi C D kien gie Malta xi 3 xhur wara illi gie kkuntrattat iz-zwieg;
4. Illi l-kontendenti damu jghixu flimkien biss ghal 9 xhur, u dana stante ili C D ilu li telaq mid-dar matrimonjali tal-kontendenti xi sena u erba’ xhur;
5. Illi r-rikorrenti ma tafx fejn qieghed hlief li huwa kien telaq minn Malta;
6. Illi z-zwieg tal-kontendenti ccelebrat bejn il-kontendenti fil-21 ta’ Lulju 1990 huwa null u bla effett fil-Ligi stante illi l-kunsens ta’ wahda mill-partijiet inkiseb b’qerq dwar xi kwalita’ tal-parti l-ohra li setghet mix-xorta taghha, tfixkel serjament il-hajja mizzewga, u dan ai termini ta’ l-Artikolu 19 (1) (c) ta’ l-Att Dwar iz-Zwieg ta’ l-1975;
7. Illi ulterjorment iz-zwieg tal-kontendenti huwa null ukoll peress li l-kunsens ta’ l-intimat kif ukoll tar-rikorrenti kien ivvizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghhom, jew b’anomalija psikologika serja illi ghamlitha impossibli ghall-konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, u dan ai termini ta’ l-Artikolu 19 (1) (d) ta’ l-Att Dwar iz-Zwieg ta’ l-1975;
8. Illi ulterjorment, iz-zwieg tal-kontendenti huwa null u bla effett fil-Ligi ghall-fini ta’ l-Artikolu 19 (1) (f) stante li l-kunsens tal-partijiet jew minn minnhom inghata bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew ghad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Talbet, li in vista ta’ dak kollu fuq premess, li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ccelebrat bejn il-kontendenti nhar it-23 ta’ Marzu 2007 huwa null u bla effett ghal kull fini u effett tal-Ligi;
2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jannota tali nullita’ ta’ l-Att taz-Zwieg Numru 536 tas-sena 2007;

Bl-ispejjes kontra l-intimat li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati, li *in forza* taghha huma eccepew :

Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qed jirrizervaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata fi stadju ulterjuri;

Salv risposta ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi illi tressqu u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba sabiex iz-zwieg bejn il-partijiet datat it-23 ta' Marzu 2007 jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikoli 19 (1)(c), 19 (1)(d) u 19 (1)(f) tal-Att Dwar iz-Zwieg 1975.

Min-naha taghhom, il-kuraturi deputati in rapprezentanza tal-assenti C D, ipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet fejn ddikjaraw li m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk irrizervaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata fi stadju ulterjuri.

**<u>Il-verzjoni tal-attrici</u>**

L-attrici tghid li saret taf lill-intimat assenti permezz ta' xi familjarji. Hu wera interess u bdew jikkomunikaw permezz tal-internet. Wara ftit gimghat, l-intimat ried li jiltaqghu personalment u kien ghalhekk li l-attrici ddecidiet li tmur il-Marokk biex tiltaqa' mieghu. Maghha hadet liz-zija taghha u tghid li fi zmien gimgha kienu zzewgu. Tiddiskrivi l-gimgha taghha gewwa l-Marokk bhala zmien fejn qattghet

il-hin kollu taghha tigri minn ufficcju ghal iehor biex jitlestew il-karti kollha taz-zwieg. L-attrici tghid li kienet taf li dawn il-karti kienu relatati maz-zwieg izda tghid li ghamlet hekk ghaliex bezghet li inkella ma jhallihiex titlaq mill-Marokk. Tghid li kienet bezghana hafna. Ommha kienet wissietha biex ma tibqax il-Marokk peress li hija tbati mill-kundizzjoni tal-epilepsija u ghalhekk kellha tkun taht osservanza l-hin kollu.

L-attrici giet lura Malta wahedha, fis-sens li l-intimat baqa' pajjizu. Dan gara ghaliex ma kellux visa. Gie hawn Malta wara tlett xhur miz-zwieg taghhom u l-partijiet marru jghixu mal-genituri taghha izda din il-konvivenza ma kienitx wahda felici. L-attrici tghid li apparti l-fatt li l-att taz-zwieg kollu qatt ma sar, zewgha kien jheddidha u sahansitra kien jghidilha li kien ser ikisser il-lampa li kienet thalli mixghula bil-lejl minhabba l-kundizzjoni taghha. Barra minn hekk, kien juriha bic-car li kien komdu jkollu hafna nisa u li ma kellu ebda intenzjoni li jieqaf jiffrekwenta tali nisa. Tghid ukoll li qabel ma ltaqghet mieghu l-ewwel darba gewwa l-Marokk, kienet infurmatu bil-kondizzjoni taghha u qalilha li ma kienx jimporta izda hekk kif izzewgu u sab ruhu hawn Malta, biddel il-verzjoni u qalilha li ma kien jaf xejn fuq il-kondizzjoni taghha.

L-attrici taghlaq l-affidavit taghha billi tghid li l-intimat qatt ma taha flus, la qabel u lanqas wara z-zwieg ghax qatt ma hadem. Lanqas ma setghet tikkomunika sewwa mieghu ghaliex ftit kienu tifhmu peress li ma tantx tifhem bl-ingliz filwaqt li l-intimat kien jaf ftit bl-ingliz u xi haga zghira bil-Malti.

## **<u>Il-Mertu tal-Kaz odjern</u>**

Il-partijiet jidher li zzewgu nhar it-23 ta' Marzu 2007 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg esebit a fol 4 tal-process.

Il-Qorti taghmel referenza ghall-affidavit ta’ Alexandra B[1] fejn prattikament tikkonferma dak li tghid l-attrici izda zzid tghid li xejn ma kienet kuntenta li bintha kienet ser titla’ l-Marokk biex tizzewweg lill-intimat, imma peress li bintha kellha l-eta’ taghha, ma setghetx twaqqafha. L-inkwiet taghha kien fuq zewg binarji u cioe’ li bintha qatt ma kienet iltaqghet mal-intimat (hlief permezz tal-internet) u l-fatt li kien hemm tlieta u ghoxrin sena differenza bejniethom. Barra minn hekk, l-intimat kien l-ewwel ragel li qatt kellha bintha u li ried jizzewwigha. Kienet inkwetata wkoll minhabba l-fatt li bintha tbati mill-epilepsija u dejjem kienet l-istess xhud li hadet hsieb il-medicini ta’ bintha. Ix-xhud tghid ukoll li bintha qatt ma hadmet ghaliex dejjem bezghet li tkun qieghda x-xoghol u jaqbadha xi attakk tal-epilepsija u zzid tghid li l-attrici jkollha bzonn lil xi hadd li jkun maghha u jiehu hsiebha. Omm l-attrici tghid li ghall-bidu li l-intimat mar jghix ghandhom ipprova jaghti impressjoni li huwa ragel tajjeb izda ma damitx ma ndunat li l-intimat kellu hafna nisa. Tghid li uza lil bintha sabiex ikun jista’ jigi hawn Malta u jibqa’ hawnhekk hdejn ohtu ghaliex hekk kif ra li z-zwieg gie registrat u d-dokumentazzjoni kienet kollha lesta, l-intimat biddel l-attitudni tieghu. Taghlaq billi tghid li bintha kienet rikoverata gewwa l-isptar Monte Carmeli ghal xi sitt xhur minhabba depression u ghadha tiehu l-kura sal-lum ghal din il-kondizzjoni.

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghax-xiehda tal-Professur John Mifsud[2] fejn jikkonferma li kien hareg certifikat mediku datat l-1 ta’ Dicembru 2010 fejn iddikjara li l-attrici tbati minn scizophrenia u ilha tbati mill-istess marda ghal aktar minn tlett snin[3]. Din il-kondizzjoni hija permanenti u tried tiehu l-medicini. Ix-xhud jispjega li hawn Malta, skond il-psikjatrija, din il-kondizzjoni tfisser li wiehed ikun “***mentalment sever, mental sub normality ....bizzejjed li ma tkunx kapaci tiehu hsieb lilha nnifisha u tghix hajja indipendenti jew inkella tkun sfruttata jekk tipprova tghix wahedha***”[4] u jzid jghid ukoll li “***meta***

[1] Esebit a fol 36 tal-process
[2] Ara a fol 50 tal-process
[3] Ara a fol 54 tal-process
[4] Ara a fol 51 tal-process

***kienet l-isptar konna sibna li kienet psikotika, kien hemm diskuntatt mar-realta"***”[5].

Illi dwar Artikolu 19(1)(c) u cioe’ li l-kunsens tar-rikorrenti inkiseb b’qerq dwar xi kwalita’ tal-parti l-ohra li tista’ mix-xorti taghha tkixkel serjament il-hajja mizzewga, il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Micallef Pierina Vs Bentanfous Amor** fejn gie dikjarat li “***Kwantu ghal "qerq" …. dan certament hu motiv ta' nullita` tal-ftehim jew tal-kuntratt kif hekk del resto jiddisponi l-Artikolu 981(1) tal-Kodici Civili. L-eghmil doluz pero` ma jista' qatt ikun prezunt u ghandu jigi pruvat (Artikolu 981(2)). Il-qerq irid ikun tali li jkun jista` jbieghed ir-raguni u jeghleb il-volonta`***”. Imbaghad, permezz tal-kawza fl-ismijiet **Sciberras Stephen Vs Av. Francesco Depasquale Et Nomine** gie sostnut ukoll li “***Sabiex ikun hemm nullita` ta` zwieg fuq il-bazi li l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mixxorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga, huwa mehtieg li tali kwalita`:***

***1. tkun wahda inerenti ghall-persuna u mhux xi att fil-passat;***

***2. tkun prezenti fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg;***

***3. tkun gravi jew oggettivament jew soggettivament;***

***4. ma tkunx maghrufa lill-parti l-ohra;***

***5. tigi mistura frawdolentement sabiex jigi ottjenut il-kunsens maritali; u***

***6. trid tipprovoka krizi meta tigi skoperta, ghax inkella jitqies li l-izball ma kienx sostanzjali***”.

Din il-Qorti tirrileva li dwar dan l-Artikolu, l-attrici tikkontendi (ghalkemm mhux b’mod daqshekk dirett) li

---

[5] Ara a fol 52 tal-process

zewgha wriha li kien ragel differenti minn dak li fil-fatt kien. Mill-provi prodotti jirrizulta bl-aktar mod car li l-intimat dahal ghal dan iz-zwieg ghal ragunijiet ta' konvenjenza (kif ser jigi diskuss aktar 'il quddiem) u li qarraq bl-attrici ghal dak li jirrigwarda l-intenzjonijiet tieghu ghal dan iz-zwieg. Jidher li l-elementi kollha msemmija fil-gurisprudenza citata aktar 'il fuq, specjalment in vista tal-fatt li l-attrici ma kellhiex dak l-istat mentali biex tirrealizza li l-intimat ma kellux intenzjonijiet tajba ghal dan iz-zwieg minhabba l-kundizzjoni pre-ezistenti ghaz-zwieg taghha. Ghalhekk tenut kont tal-kondizzjoni mentali taghha, tenut kont tal-fatt li l-attrici ma kienitx kapaci tevalwa l-intenzjonijiet tal-intimat ghaliex kienet distakkata mir-realta' u tenut kont ukoll tal-fatt li l-intimat agixxa b'tali mod li wrieha li ried jizzewwigha meta fil-fatt jirrizulta car li kull ma ried kien li jakkwista d-dritt li jibqa' hawn Malta, jidher li l-intimat ha vantagg mill-attrici u mill-kondizzjoni taghha u qarraq biha billi ta x'tifhem li verament ried jizzewwigha meta fir-realta' ried jibqa' hawn Malta.

Illi dwar l-Artikolu 19(1)(d) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif ukoll minhabba anomalija psikologika serja li taghmel il-partijiet inkapaci milli jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Parties Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[6] fejn inghatat spjegazzjoni dettaljata ta' xi jfisser dan l-Artikolu u xi jrid jigi ippruvat quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex it-talba attrici tigi akkolta. Fi kliem l-istess Onorabbli Qorti:

"***Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn***

[6] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

***dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi…Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom*”.**

Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph**[7] “***Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg…Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga***”.

In vista tal-gurisprudenza citata aktar ‘il fuq u in vista tac-cirkustanzi li wasslu ghal dan iz-zwieg, il-Qorti thoss li fil-mument propizju, anke minhabba l-kondizzjoni medika taghha li ggieghla tkun distakkata mir-realta’, ma kienitx f’posizzjoni li tevalwa r-realta’ u d-decizjoni taghha ghal dan iz-zwieg u konsegwentement ma kienitx kapaci tevalwa t-toqol tad-decizjoni taghha. Il-fatt li l-attrici kienet tbati minn din il-kondizzjoni fil-mument tal-kunsens (hekk kif ikkonfermat mill-psikjatra John Mifsud) jikkonferma li minhabba d-distakk taghha mir-realta’, l-attrici ma kienitx f’posizzjoni li tasal ghal decizjoni valida biex tidhol ghal dan iz-zwieg.

Illi dwar l-Arikolu 19(1)(f) u cioe’ li l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom inkiseb b’eskluzjoni pozittiva ta’ wiehed

[7] Deciza nhar id-29 ta’ Mejju 2003 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili

mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, il-Qorti tirrileva li mill-provi migbura jirrizulta bl-aktar mod car u inekwivoku li dan kien zwieg ta' konvenjenza u xejn aktar. Il-fatt li l-partijiet kienu jafu lil xulxin biss permezz tal-internet meta ddecidew li jizzewgu, il-fatt li kienu jafu lil xulxin ghal zmien daqshekk qasir meta ddecidew li jizzewgu, il-fatt li l-partijiet ma kienux jafu lil xulxin meta zzewgu, l-fatt li l-attrici telghet il-Marokk bl-intenzjoni li jsir dan iz-zwieg (meta l-partijiet kienu ghadhom lanqas biss iltaqghu personalment), l-fatt li l-attrici giet lura wahedha Malta u kien biss meta d-dokumentazzjoni kollha kienet lesta li l-intimat biddel l-attitudni tieghu versu martu juru li l-intimat kellu intenzjoni wahda – u cioe' li jikseb id-dritt li jkun jista' jghix hawn Malta legalment u xejn aktar.

F'dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[8] fejn gie ritenut li "***rigward x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cjoe` dik ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Tant illi ghalhekk jekk xi wahda mill-partijiet ma jkollhiex il-kapacita' kollha biex tassumi dawn id-dmirijiet, iz-zwieg li jigi hekk kreat ma jistax ikun wiehed validu***".

Din il-Qorti tirrileva li sabiex tigi milqugha talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg f'dan il-kuntest, irid jigi necessarjament ippruvat li xi wiehed mill-partijiet ghamel simulazzjoni totali jew parzjali tal-kunsens tieghu jew taghha. Jirrizulta bl-aktar mod car mill-provi prodotti li l-intimat dahal ghal dan iz-zwieg purament ghal ragunijiet ta' konvenjenza u xejn aktar. F'dan il-kuntest il-Qorti taghmel referenza ghall-kawzi fl-ismijiet **Josephine Grech vs Mahmoud Awwada sive Mahmoud Ali Ibida**[9] **u Miriam Ramdan Mabrouk xebba Psaila vs Lovay Ramadan Wahba Mabrouk**[10] fejn gie ritenut li:

[8] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[9] Deciza nhar l-10 ta' Ottubru 1995 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[10] Deciza nhar is-16 ta' Jannar 1998 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

"***Meta l-unika skop tal-kontraent ikun li jibqa' Malta biex jahdem u eventwalment jikseb ic-cittadinanza, hu jkun qieghed posittivament jeskludi z-zwieg innifsu, b'mod li jkun hemm simulazzjoni totali. Naturalment, f'dawn il-kazijiet wiehed m'ghandux jistenna li jsib prova diretta tas-simulazzjoni, fis-sens ta' xi dikjarazzjoni esplicita tal-intenzjoni ta' dak li jkun, pero' tali intenzjoni tista' tigi manifestata wkoll implicitament***".

Issir referenza wkoll ghall-kawzi fl-ismijiet **Mary Rose Abder Tahim vs Esam Abder Rahim**[11] u **Carmen El Shimi gia Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi**[12] fejn gie ritenut li:

"***Fiz-zwieg ta' konvenjenza illi l-iskop tieghu uniku tieghu huwa biss biex il-konvenut jakkwista ic-cittadinanza Maltija jew/ u d-dritt li joqghod u jirrisjedi hawn Malta, dak il-kunsens ikun simulate peress li eskluda posittivament iz-zwieg innifsu***".

Il-Qorti tirrileva li mix-xiehda prodotta, ma hemm ebda dubju dwar ir-raguni li wasslet lill-intimat sabiex jidhol ghaz-zwieg odjern. L-intenzjoni tieghu kienet wahda u cioe' li jakkwista d-dritt li jibqa' hawn Malta minghajr problemi.

Il-Qorti tirrileva wkoll li f'dan l-istadju ssir referenza partikolari ghall-kawza fl-ismijiet **MM vs JM** deciza nhar id-9 ta' Marzu 1994[13] fejn gie dikjarat li huwa l-mument tal-kunsens li jiddetermina jekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwiex legalment null u bla effett jew le. Mill-provi prodotti jidher car li fil-mument tal-kunsens l-intimat ried biss jakkwista d-dritt li jibqa' hawn Malta u mhux li jifforma familja jew xi forma ta' futur maghha.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara z-zwieg

[11] Deciza nhar il-31 ta' Mejju 2000 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[12] Deciza nhar l-20 ta' Gunju 2002 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[13] Deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell

null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikolu 19(1)(c), 19(1)(d) u 19(1)(f) tal-Att taz-Zwieg.

Bl-ispejjez kontra l-intimat b'dan illi l-ispejjez relattivi ghall-kuraturi deputati ghandhom jithallsu provvizorjament mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------